# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 48 – L-ERBGĦA 13 TA' APRIL 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 47

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 47 mingħajr aktar emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 47

2.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva talba għall-approvazzjoni għal xogħol tal-Korporazzjoni Enemalta fi Triq il-Kavallier Bonello u għaldaqstant qed tassumi li kienet inħarġet l-approvazzjoni għat-twaħħil tal-arbli fl-istess triq fuq il-ħafna talbiet u pressjoni li saru min-naħa tal-Kunsill. Is-SE infurmat li sadanittant kien sar appuntament mal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura dwar possibbiltà li jitranġa l-ħajt u possibbilment it-triq tiġi wkoll inqas perikoluża billi titwessa' l-bankina. Is-Sindku informa li kien għadu kif ġie infurmat li l-*bypass* tal-Imtarfa kienet inxtgħlet għall-ewwel darba ftit tal-minuti qabel.

2.2 Is-SE infurmat li s-sinjali għal Binja Tifkiriet Puniċi kienu ġew ordnati u għandhom jitwaħħlu l-ġimgħa d-dieħla.

2.3 Is-SE infurmat li kienet għamlet appuntament ma' persuna li jinstalla t-trombi fir-rigward ta' para. 3.10 u għaldaqstant kienet se tagħti aktar dettalji waqt il-laqgħa li jmiss.

2.4 Fir-rigward tal-exks accountant, dan kien baqa' jittrateni għalkemm kien għadda l-maġġorparti tad-dokumentazzjoni u informazzjoni diġitali li talbitu. Sadanittant l-accountant il-ġdida kienet bdiet tagħmel ix-xogħol tagħha li jirrigwardja s-sena 2016. Sadanittant infurmat ukoll li għalkemm hija kienet qed iżżomm lid-Dipartiment

għall-Gvern Lokali infurmat, kien ta penali ta' €100 lill-Kunsill minħabba li nqabżu d-*deadlines* stipulati. Hija kienet se tibqa' tiġri wara s-Sur Caruana biex dan jissottometti l-*end of year financial statements* mill-aktar fis possibbli biex tkun tista' tgħaddihom għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

2.5 Dwar Jum l-Imtarfa, is-SE ikkonfermat li kienet saret laqgħa mal-Għaqda Poeti Maltin u dawn ikkonfermaw li l-attività setgħet issir nhar it-30 ta' April 2016. Kienu se jsiru l-arranġamenti għall-attività bħalma jsir is-soltu.

2.6 Is-SE infurmat li l-persuna li kellha l-parkeġġ tad-diżabbli fi Triq Gregorio Caraffa kienet aċċettat li mmexxulha l-parkeġġ għal man-naħa l-oħra tat-triq u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin kienet se tintbagħat ittra lir-residenti biex jiġu infurmati bis-sinjali filwaqt li l-għada dawn jitwaħħlu. Kienet se tieħu ħsieb ukoll iġġib il-permessi neċessarji mingħand Transport Malta.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kellu laqgha mal-LESA dwar is-sistema l-ġdida tal-gwardjani. Huwa kien ġie mgħarraf li l-*Green wardens* huma għaljin ħafna u fir-rigward tal-ħmieġ tal-klieb, kienu ssuġġerewlna li nagħmlu *doggie park*. Fir-rigward tas-*CCTV cameras*, dawn kienu infurmawh li bħala regolatur lesti li joħorġu ċitazzjoni fuq ir-ritratt li jkun bagħtilhom il-Kunsill Lokali. Kienu infurmaw lill-Kunsill sabiex kull filgħodu l-amministrazzjoni tibda tibgħat il-lista tal-permessi tal-ġurnata sabiex il-gwardjani jkunu mgħarrfa x'hemm permessi fil-lokalità. Dwar il-kwistjoni tat-tneħħija tal-iskips, kienu ssuġġerew li jkun hemm gwardjan mar-rappreżentant tal-GreenMT meta jintbagħat jagħti t-tagħrif dwar kif wieħed jirriċikla.

3.2 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li kemm ir-Reġjun Tramuntana u l-AKL kienu għamlu talba separatament lil-LESA sabiex ikun hemm servizz tal-*Eco-warden*. Huwa informa wkoll li l-ftehim kien li għandu jkun hemm żewġ gwardjani fuq ir-ronda li jgħaddu l-Imtarfa kull ġurnata mingħajr ħinijiet fissi. Dawn il-gwardjani se jingħataw ukoll warrant apposta biex jieħdu ritratti ta' xi kontravenzjonijiet li jinnutaw.

3.3 Hawnhekk is-SE infurmat li s-SE tar-Reġjun Tramuntana kien infurmaha li kien se jibda diskussjonijiet mal-LESA sabiex possibbilment jiġu installati xi CCTV cameras fl-Imtarfa u għaldaqstant talabha tgħaddilu indikazzjoni fejn nixtiequhom. Kien hemm qbil li għandhom jiġu indikati Triq l-Imtarfa viċin tal-Iskola Sekondarja, Triq Dar il-kaptan, fiż-żona tal-binja magħrufa bħala tal-karnival, u fil-pjazza ta' quddiem it-Torri tal-Arloġġ.

3.4 Is-Sindku informa li l-għada tal-laqgħa tal-Kunsill kien se jattendi għal laqgħa dwar il-bżonn ta' rikostruzzjoni tal-bankina u l-ħajt fi Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello. Huwa kien se jagħti aktar informazzjoni waqt il-laqgħa li jmiss.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-*END OF YEAR FINANCIAL STATEMENTS* 2015

5.1 Is-SE infurmat li għalkemm kienet infurmat lill-*accountant* tal-Kunsill li għandhom jiġu approvati l-*end of year financial statements* u għalkemm huwa kien wiegħed li se jlaħħaq jgħaddihomlha, sa dak il-ħin tal-laqgħa huwa kien reġa' ma bagħat xejn.

## 6. PROPOSTA DWAR SKART RIĊIKLABBLI MINN GREENMT

6.1 Kienet saret laqgħa bejn il-Kunsill u rappreżentanti ta' GreenMT kif ukoll il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart dwar il-proposta l-ġdida li saret mill-GreenMT wara li m'aċċettawx kompletament il-proposta tal-Kunsill. Minħabba li s-Sur Joe Attard ma kienx preżenti għal-laqgħa għaliex kien imsiefer, kienu attendew żewġ rappreżentanti li iżda ma setgħux jieħdu deċiżjoni f'ismu.

6.2 Wara diversi suġġerimenti u diskussjonijiet mal-kuntrattur tal-Kunsill, kien hemm qbil li possibbilment għandu jinbidel il-ħin tal-ġabra għal flgħaxijiet minflok filgħodu.

6.3 Sadanittant kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lis-Sur Joe Attard fejn tinfurmah li d-deċiżjoni tal-Kunsill hija li l-iskips u l-bring in sites għandhom jitneħħew kollha f'daqqa, li nhar ta' Tlieta u Ġimgħa m'għandhiex tinġabar il-borża s-sewda imma tinġabar biss il-borża l-griża imma li mqar sal-aħħar ta' Diċembru 2016 għandha ssir ġabra bieb bieb tal-borża s-sewda anke l-Ħadd.

## 7. LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

7.1 Is-SE infurmat li l-laqgħa kienet saret aktar kmieni dakinhar u li kienu attendew b'kollox ħames persuni. Hija kienet se tgħaddi l-minuti tas-suġġerimenti li saru matul il-ġimgħat li ġejjin.

## 8. IL-PROĊESS TAL-ĠBIR TAL-ISKART WEEE

8.1 Is-SE infurmat li xi ġimgħat qabel hija kienet osservat direttiva tal-ANSEK wara li min-naħa tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, kienu obbligaw lis-SE u lill-Kunsilli rispettivi sabiex jiffirmaw ftehim mingħajr ma kien ingħata ebda dettall dwar il-proċedura l-ġdida tal-ġbir ta' skart WEEE.

8.2 Sadanittant kienet ingħatat *deadline* li ma setgħatx tiġi injorata minħabba li n-nuqqas ta' ftehim kien se jaffettwa l-ġbir tal-iskart goff u hija ma kellha ebda alternattiva ħlief li tiffirma l-kuntratt f'isem il-Kunsill.

8.3 Hija infurmat li l-proċedura l-ġdida kienet se tkun li l-Kunsill jibgħat lista tal-iskart goff WEEE u lista oħra bl-iskart goff normali minn 24 siegħa qabel il-ġabra biex jinħareġ permess għall-kuntrattur. Din il-proċedura trid tiġi rrepetuta għal kull ġabra. Hija infurmat li issa mhux se jkun aktar possibbli għall-Kunsill li jiġbor skart goff li jidħol wara li tkun intbagħtet il-lista.

## 9. PUNTI OĦRA

9.1 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal konferenza stampa dwar fondi tal-ERDF għal skema dwar green energy u għal skema oħra għal restawr ta' postijiet storiċi li huma devoluti lill-Kunsilli Lokali. Minħabba li għal dawn l-aħħar snin il-Kunsill kien kommess li jsib fondi biex jiġi rrestawrat it-torri tal-arloġġ, hija infurmat li kienet talbet lill-Periti tal-kunsill sabiex b'mod immedjat jibdew jaħdmu fuq rapport biex

ikun jista' jiġi preżentat lid-Dipartiment għall-evalwazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandha tintefa applikazzjoni għall-fondi għar-restawr tat-torri tal-arloġġ.

9/2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kopja ta' ittra mingħand il-Pulizija fejn dawn kienu infurmaw lill-Kunsill dwar periklu li hemm fi Triq il-Ferrovija, eżattament bil-balavostri tal-pont li jaqsam bejn ir-Rabat, l-Imdina u l-Imtarfa u li partijiet differenti minnu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tat-tliet Kunsilli. Il-Kunsill qabel li mhux possibbli li jieħu ebda deċiżjoni biex dan ix-xogħol isir u għaldaqstant is-SE għandha tikteb lura u tinfurmahom li l-Kunsill m'għandux ir-riżorsi meħtieġa biex jirranġah.

9.3 Is-SE infurmat li kellha laqgħa ma' rappreżentanti ta' Dar Kenn għal Saħħtek fejn dawn infurmaw li f'Mejju se jorganizzaw xi attivitajiet u għaldaqstant kienu talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.4 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-Kumitat Konġunt Birkirkara kien xolja. Min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa kien fadallu 826 ċitazzjonijiet mhux imħallsa għal total ta' €36,705.69. L-AKL kienu proponew li minħabba li issa dan il-KK kien xolja, il-Kunsilli għandhom jagħtu ordni lil-LESA biex jipprova jiġbor dawn iċ-ċitazzjonijiet hu f'isem il-Kunsilli Lokali għal fee żgħira. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

9.5 Il-Kunsillier Mifsud informa li min-naħa tar-Reġjun Tramuntana kien għażel l-inġinier biex jgħin lill-Kunsilli u lill-istess reġjun biex tiġi fformulata l-offerta tad-dawl tat-toroq.

9.6 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech sabiex isiru l-parkeġġi fi Triq Gregorio Caraffa, is-SE ġibdet l-attenzjoni li ħafna drabi l-immarkar tal-parkeġġi jwassal għal inqas *parking bays* għaliex il-Kunsill kien kommess li jżomm mal-ispeċifikazzjonijiet ta' TM. Kien hemm qbil li qabel jiġu mmarkati biż-żebgħa, is-SE għandha tibgħat lill-ħaddiema biex jivverifikaw kemm jidħlu parkeġġi u tinforma lill-Kunsill.

9.7 Fir-rigward tax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Dar il-Kaptan, il-Kunsill talab lis-SE sabiex tivverifika meta għandu jitlesta x-xogħol u kif ukoll meta jistgħu jitneħħew is-sinjali li twaħħlu.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-9:45pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-18 ta' Mejju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |